# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 29**

**Rikors numru 420/10 AL**

**William Micallef**

**v.**

**Rita Borg propju u bhala kuratrici tal-minuri Ilona Borg nominata b'digriet tal-14 ta' Jannar 2011, Direttur tar-Registru Pubbliku u Jesmond Borg li gja kjamat fil-kawza b'digriet tad-29 ta' Marzu 2011**

**Il-Qorti:**

Illi dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' Dicembru 2015 li qed tigi hawn riprodotta ghall-ahjar intendiment:

> "Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. “Illi l-esponenti kellu relazzjoni mal-intimata li kemm l-esponenti kif ukoll l-intimata huma persuni mizzewgin u minn din ir-relazzjoni extra-maritali twieldet tarbija bl-isem ta’ Ilona Borg fil-hmistax (15) ta’ Marzu 2010;
2. “Illi minhabba l-prezunzjoni li hemm fil-Ligi l-minuri kellha ta’ bil-fors tigi rregistrata fuq isem ir-ragel ta’ Rita Borg li jismu Jesmond Borg li mhuwiex il-missier naturali;
3. “Illi l-missier naturali huwa l-esponenti William Micallef u dan gie stabbilit wara li l-partijiet marru jaghmlu t-testijiet tad-DNA u irrizulta li l-esponenti huwa l-missier naturali;
4. “Illi l-esponenti jixtieq illi bintu tkun irregistrata fuqu u dan billi jitbiddel ic-certifikat tat-twelid;
5. “Illi l-esponenti gie awtorizzat sabiex jibda dawn il-proceduri wara li inghalqet il-medjazzjoni;

“Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. “Tiddikjara illi l-esponenti huwa l-missier naturali tat-tarbija Ilona Borg;
2. “Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda c-certifikat tat-twelid ta’ l-istess minuri, fis-sens illi l-esponenti jigi indikat bhala missier l-minuri kif ukoll jitbiddlu l-konnotati l-ohra f’dan is-sens, u li l-istess minuri tibda iggib il-kunjom Micallef;
3. “Takkorda lill-esponenti il-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri u fin-nuqqas li tilqa din it-talba, takkorda granet u hinijiet ta’ access ta’ l-esponenti ghall-istess minuri, skont il-provvediment li jidhrilha xierqa u opportuni;

“Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

“Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa :

1. “Illi preliminarjament din l-azzjoni tidher li hija intempestiva għaliex ma kienitx preċeduta minn ittra uffiċjali kif hekk jirrikjedi l-**Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. “Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas suespost, peress li għaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri Ilona Borg, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri Ilona, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal-proċediment tal-azzjoni odjerna;

“3. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal fuq espost, huwa indispensabbli għall-integrità u għall-aħjar riżoluzzjoni ta’ din il-kawża

u kif ukoll minħabba għal dak li jiddisponi l-**Artikolu 77A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jiġu msejjħin fil-kawża ir-raġel tal-intimata Jesmond Borg kif ukoll il-minuri Ilona Borg li għandha tkun debitament rappreżentata minn kuratur jew tutur maħtur mill-Qorti.

"4. Illi bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri Ilona Borg, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi migjuba għandhom ikunu l-aħjar u kif ukoll sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

"5. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jrid jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri Ilona, l-intimata Rita Borg kienet wettqet adulterju mar-rikorrenti William Micallef u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lill-William Micallef u/jew jeskludu lir-raġel tal-intimata Jesmond Borg bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri Ilona, u dan *ai termini* tal-**artikoli 77A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.

"6. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrent jrid fl-istess waqt jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement juru li l-pussess ta' stat tal-minuri Ilona Borg ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha;

"7. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem Jesmond Borg, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 948 tas-sena 2010 (Dok 'A');

"8. Illi bla ħsara għall-dak fuq ingħad, f'każ li jintlaqaw l-ewwel żewġ talbiet attriċi l-esponenti jinvita lill-istess rikorrenti William Micallef sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri Ilona Borg, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla Ilona Borg. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmija minuri Ilona Borg;

"9. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, b'referenza għat-tielet talba tar-rikorrenti l-esponenti jwieġeb li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur tagħha;

“10. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent u għalhekk huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

“11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

“Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

“Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

“Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li in forza taghha eccepiet :

1. “Illi l-proceduri huma nulli billi skont il-kopja li giet notifikata lill-intimata ma jidhirx li r-rikorrent ha l-gurament mehtieg skont il-ligi;
2. “Illi skont l-Artikolu 77A tal-Kodici Civili kawza sabiex missier jigi dikjarat missier naturali ta’ tarbija mwielda fi zwieg trid tigi istitwita kontra l-omm, il-missier zewgha u anke kontra t-tarbija; b’hekk il-proceduri huma milqughta minn difett billi tonqos l-integrita tal-gudizzju;
3. “Illi skont l-Artikolu 77A tal-Kodici Civili tali proceduri huma permessi biss minghajr pregudizzju ghall-Artikolu 81 tal-Kodici Civili b’dan illi ghalhekk il-proceduri imressqa mir-rikorrent huma improponibbli stante li jwasslu ghal bdil fl-istat tat-tarbija Ilona Borg;
4. “Illi in oltre l-minuri tifforma parti integrali mill-familja tal-intimati Borg u dejjem gabet il-kunjom Borg u bhala membru ta’ din il-familja li tikkonsisti fil-genituri u zewgt itfal ohra huwa fl-interess taghha li hija tibqa’ ggib il-kunjom tal-missier prezunt, ta’ ommha u hutha;
5. “Illi huwa fl-interess tal-minuri illi f’kaz li tigi milqugha t-talba imressqa mir-rikorrent sabiex jgi rikonoxxut li huwa missierha naturali, huwa jigi eskluz milli jkollu il-poter li jezercita s-setghat ta’ genitur u dan fit-termini ta’ l-artiklu 90(2) billi huwa fl-interess tal-minuri li l-awtorita fuqha tkun biss fdata f’idejn ommha. Dan qieghed jigi mitlub billi r-relazzjoni tal-partijiet kienet wahda furzata, li theddid da parti tar-rikorrent fil-konfront ta’ l-omm baqa’ ghaddej anke wara t-twelid tat-tarbija, u li r-rikorrenti ma huwiex idoneju sabiex jiehu hsieb tal-minuri;
6. “Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tielet talba imressqa mir-rikorrent ma tistax tigi proposta f’dawn il-proceduri li huma limitati biss ghal rikonoxximent jew le ta’ paternita izda se mai ghandha titressaq bi proceduri separati u distinti;
7. “Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent ma huwiex idoneu li jinghata l-kura u l-kustodja tal-minuri u dan lanqas ikun fl-interess tal-minuri;
8. “Illi in oltre kwalunkwe access li din il-Qorti taghti lir-rikorrenti, jekk dan ikun il-kaz, ghandu jkun access limitat mizmum f’centru addattat ghal access supervizzat u dan billi anke t-tentattiv li r-rikorrent jkollu access ghal minuri fic-centru ta’ l-Appogg minghajr supervizjoni falla tant li l-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja giet mitluba

kemm mill-intimata kif ukoll mis-social workers sabiex tali access ikun wiehed supervizzat;
9. “Illi in oltre kwalunkwe access li din il-Qorti taghti lir-rikorrent, jekk dan ikun il-kaz ghandu jkun access li jipprotegi lill-intimata u lill-membri tal-familja taghha mill-agir tar-rikorrent li sahansitra fil-konfront tieghu hemm anke pendenti proceduri ghal fastidju *(harassment)* billi huwa baqa jivvessa u jhedded lill-intimata;

“Ghaldaqstant l-intimata bir-rispett tecepixxi illi t-talbiet imressqa mir-rikorrent ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu;

“Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

“Semghet lix-xhieda illi tressqu;

“Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

“Rat in-noti ta’ sottimissjonijiet tal-attur u tal-konvenuta Rita Borg.

“Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita’ tal-minuri Ilona Borg li twieldet fil-15 ta’ Marzu 2010 minn relazzjoni extra-maritali bejn l-attur Micallef u l-konvenuta Rita Borg. Il-Qorti ghandha talba wkoll ghall-access tal-minuri lill attur. Min-naha taghha, l-konvenuta topponi ghat-talba ta’ l-attur u dan minhabba li l-proceduri skond hi huma nulli u minhabba li l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jaghmilha cara li hadd ma jista’ jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta’ stat li jaqbel ma’ dak l-att u li hadd ma jista’ jattakka l-istat ta’ iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg ta’ tifel li jkollu l-pussess ta’ stat li jaqbel mal-att tat-twelid tieghu. Hi zzid li kwantu jirrigwarda t-talba ghall-access, dan ghandu jkun wiehed supervizjonat. Jesmond Borg min-naha l-ohra gie kjamat fil-kawza u irrisponda ghall-kawza permezz ta’ risposta guramentata[1] billi jirrispondi fl-istess binarju ta’ martu Rita Borg bid-disposizzjonijiet li jsemmi, l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta’ Malta u li huwa qatt ma kien mifrud minn ma’ martu u li l-minuri Ilona Borg dejjem iffurmat parti integrali mill-familja tieghu u jkun fl-interess tal-minuri li tibqa` zzomm il-kunjom Borg.

“**<u>Il-mertu tal-kaz</u>**

“Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxielux jipprova sal-grad rikjest mill-ligi jekk il-wild Ilona Borg hijiex il-wild

[1] A fol 95 tal-process

naturali tieghu, konsegwentement jipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali fil-ligi, li ghall-inqas wahda mic-cirkustanzi mnissla fl-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijeit ta' Malta, u jekk l-attur irnexxielux jeghleb ukoll il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Il-Qorti tirrileva li l-minuri Ilona Borg twieldet fil-15 ta' Marzu 2010 minn relazzjoni extra-konjugali li kellhom l-attur William Micallef u l-konvenuta Rita Borg. Il-partijiet it-tnejn li huma kienu mizzewgin u ghadhom mizzewgin sal-lum. Il-konvenuta Rita Borg, fiz-zmien li kienet ghaddeja bir-relazzjoni ma' l-attur, ma kenitx separata minn mar-ragel taghha l-konvenut l-iehor Jesmond Borg, anzi ghadha mizzewga u tghix mieghu sal-lum. Illi l-attur illimita ruhhu hafna fil-provi f' din il-kawza u f'dak li jirrigwarda l-filjazzjoni tal-minuriipprezenta biss test genetiku tad-DNA[2] li gie mahluf bil-gurament. Izda il-Qorti tinnota li a fol 141 tal-process gie ipprezentat rapport mill-Agenzija Appogg li jaghti dawl fuq dak li ghaddeja minnu l-minuri. Primarjament il-Qorti tirrileva li l-minuri uriet kif inhi, xi ftit jew wisq konfuza dwar min hu missierha, u dan peress li tirreferi ghall-konvenut Jesmond Borg bhala 'Daddy Jesmond', pero' fl-istess hin l-attur[3] qieghed izomm relazzjoni tajba mal-minuri Ilona Borg.

"Illi min-naha taghhom, il-konvenuta Rita Borg u l-kjamat in kawza Jesmond Borg ipprezentaw affidavit taghhom u ghalqu l-provi ghalhekk f'dak li jirrigwarda l-mertu ta' din il-kawza hemm l-affidavits[4] li jaghtuna dawl dwar x'inhi l-verzjoni taghhom tal-fatti. L-attrici tghid li hija mizzewga lil Jesmond Borg u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, izda f'Settembru 2007 hija tammetti li bdiet relazzjoni ma' l-attur minn wara dar ir-ragel taghha l-kjamat fil- kawza. Hija tghid li damet b'din ir-relazzjoni extra konjugali ghal sentejn u disa' xhur u fil-15 ta' Marzu 2010 welldet tifla, madanakollu r-relazzjoni ma' l-attur intemmet ghal kollox fil-15 ta' Gunju 2010 u dan wara li twieldet it-tifla. Rita Borg issemmi kif l-attur fetah kawza ohra biex jigi regolat l-access tal-minuri u fuq rakkomandazzjoni ta' l-Agenzija Appogg hekk qieghed jaghmel. Hija zzid tghid li t-tifla ghamlet allegazzjoni fuq abbuz fiziku fuq il-minuri izda, mill-provi fil-kawza, dan ma rrizultax. Hija zzid tghid li r-relazzjoni taghha mal-kjamat in kawza zewgha hija wahda tajba hafna u z-zwieg taghha llum issahhah u li l-minuri Ilona Borg integrat bis-shih kemm mar-ragel taghha l-kjamat in kawza u mat-tfal taghha li huma maggorenni u jhobbuha hafna, hi zzid li l-kjamat in kawza jhobb lill-minuri Ilona daqs li kieku kienet tieghu.

"Min-naha tieghu Jesmond Borg jirrakkonta kif sar jaf li martu l-konvenuta Rita Borg kienet ghaddeja b'relazzjoni extra konjugali ma' l-attur, izda huwa jghid li llum huwa irranga kollox ma' martu u qed jghixu bhala familja maghquda, izda jghid li darba fis-sena 2010 martu Rita Borg qaltlu li ma kenitx certa jekk it-tifla hix tieghu jew ta' l-attur u

[2] Ezebit a fol 109 sa fol 116 tal-process
[3] Ara n-nota ta' l-Agenzija Appott a fol 135 tal-process
[4] Ara fol 179 tal-process u fol 183 tal-process

fil-fatt marru jaghmlu t-test tad-DNA fid-19 ta' Gunju 2010 u irrizulta li t-tifla mhux tieghu, madanakollu hu jghid li jhobb it-tifla daqs li kienu bintu u jrabbiha bhala t-tifla tieghu u ghalih m'hemm l-ebda distinzjoni bejn it-tfal.

"**Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Rita Borg**

"Dawn il-proceduri gew istitwiti permezz ta' rikors li gie guramentat fil-process li ghandha quddiemha l-Qorti fis-6 ta' Dicembru 2010[5], liema gurament ittiehed u ghalhekk il-kawza giet istitwita permezz tal-procedura rikjesta u ghalhekk din l-eccezzjoni m'ghandha l-ebda fundament legali u qeghda tigi michuda.

"**Dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta**
Illi din l-eccezzjoni giet sorvolata u dan peress li l-attur baghat zewg ittri ufficcjali[6] ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, datati 24 ta' Mejju 2011 u 13 ta' Gunju 2011 u ghalhekk il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

"**Dwar it-tieni eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tal-kjamat in kawza ai termini ta' l-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta**

"Illi rigward din l-eccezzjoni l-attur, in adempjiment ta' dak li tghid il-ligi fl-artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ipprezenta rikors a fol 100 li gie milqugh minn din il-Qorti fis-16 ta' Novembru 2011 u ghalhekk anke ghar-rigward din l-eccezzjoni il-Qorti ser tieqaf milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

"**Dwar l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru pubbliku, tal-konvenuta Rita Borg u tal-kjamat in kawza Jesmond Borg ghal dak li jghid l-Artikolu 77A u l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta**

"Illi l-Artikolu 77A jghid is-segwenti:

> "*Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-missier naturali ta' tifel mwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-mara, ir-raġel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju miegħu u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista'*

[5] Ara l-gurament imnizzel fuq wara ta' fol 1 tal-process liema gurament ittiehed mill-PL Edgar Montanaro
[6] Ara fol 119 u fol 122 tal-process

> *wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel tagħha bħala l-missier naturali tat-tifel."*

"Illi l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:

> "*(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*
> *(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu."*

"Illi ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, primarjament l-attur ha hsieb li jikkjama fil-kawza lir-ragel tal-konvenuta, u cioe' lil Jesmond Borg, tant illi l-istess kjamat in kawza ipprezenta r-risposta guramentata tieghu a fol 95 tal-process, oltre dan l-attur, permezz ta' rikors a fol 35 tal-process, ukoll talab li jinhatru kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri Ilona Borg u ghalhekk id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-konvenuta Rita Borg ma jistghux jivvantaw li dawn il-proceduri huma milquta minn difett billi tonqos l-integrita tal-gudizzju, u ghal dan il-ghan it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta Rita Borg u t-tielet eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku gew sorvolati u l-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

"Izda issa l-Qorti bilfors trid tezamina l-fatti biex taghti gudizzju fuq il-hames u s-sitt eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta Borg u t-tielet u l-hames eccezzjoni tal-kjamat in kawza Jesmond Borg.

"Illi ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attur irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mill-Ligi li l-konvenuta Rita Borg wettqet adulterju mieghu fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tletin gurnata qabel it-tewlid tat-tifla minuri, u dan gie ippruvat permezz tat-testijiet xjentifici ipprezentati f'dan il-process, kif ukoll gie dikjarat fl-affidavits tal-kjamat in kawza u tal-konvenuta, tant li l-kjamant in kawza hass li kellu jaghmel it-testijiet tad-DNA ukoll, huwa jghid hekk, *"nghid illi darba minnhom fis-sena 2010 marti Rita kienet qaltli li ma kienitx certa jekk it-tifla Ilona kienitx tieghi jew ta' William. Allura jiena mort naghmel it-test tad-DNA u fil-fatt ir-rizultat ta' dan it-test tad-DNA huwa datat 29 ta' Gunju 2010 u minnu irrizulta li t-tifla Ilona ma kienitx tieghi. Jien naf li t-test tad-DNA ghamiltu qabel ma mar jaghmlu William."*

"Izda pero' kemm id-Direttur tar-Registru Pubbliku, kemm il-konvenuta Borg u l-kjamat in kawza Borg kollha jiccitaw l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan li qed jghidu fi kliem iehor li l-attur ma jistax jitlob stat kuntrarju ghal dak li ghandha Ilona Borg fl-att tat-twelid u l-pussess ta' stat ta' tifla imwielda minn koppja mizzewga. Ghalhekk il-Qorti issa ser tara jekk l-attur irnexxielux jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, u

jekk ingabux provi sal-grad rikjest mill-Ligi li juru li l-pussess ta' l-istat tal-minuri Ilona Borg ma jaqbilx ma' l-att tat-twelid taghha.

"Il-Qorti qeghda taghmel referenza ghall-Artikolu 67 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk, *"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".* Din il-prezunzjoni tingheleb biss jekk jigi ppruvat li t-tifla Ilona ghandiex l-istat ta' tifla imwielda fiz-zwieg jew inkella ghandiex l-istat ta' tifla imwielda minn relazzjoni extra-konjugali.

"Il-Qorti se taghmel referenza wkoll ghall-Artikolu 80 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta li jiddeskrivi ezatt xi jfisser stat legittimu, il-Ligi tghid is-segwenti:

> "*(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.*
> *(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:*
> *(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;*
> *(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;*
> *(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;*
> *(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."*

"Il-kjamat in kawza Jesmond Borg u l-konvenuta Rita Borg jisqhu li l-minuri Ilona Borg integrat tajjeb hafna fil-familja taghhom, tant li hutha jhobbuha hafna u li l-istess Jesmond Borg dejjem tratta lil minuri daqs li kieku bintu. Dan huwa ikkonfermat anke mis-*social workers* ta' l-Agenzija Appogg li jghidu li l-minuri Ilona Borg tirreferi ghall-kjamat in kawza bhala *"Daddy Jess"*, dan juri car li l-minuri integrat fil-hajja familjari taz-zwieg ta' ommha l-konvenuta Rita Borg. Madanakollu l-Qorti ma tistax ma tinnutax li l-kjamat in kawza u l-konvenuta ftit xhur wara t-twelid tal-minuri hassew li kellhom jaghmlu t-test tal-paternita' u dan gie pruvat anke mit-test tal-paternita' ta' l-attur li huwa datata fl-istess xahar ta' Gunju 2010. Dan ifisser li dan it-test sar volontarjament mill-partijiet u dan qabel ma giet istitwita din il-kawza. Dan ifisser li l-kjamat in kawza minn dejjem kien propens li jemmen li t-tifla minuri Ilona mhix tieghu ghalkemm kif jghud hu *"inhobbha qisha binti u nrabbiha l-istess bhat-tfal tieghi".*
Kif ukoll il-konvenuta u l-kjamat in kawza ma gabu l-ebda prova biex juri li t-tifla Ilona hija maghrufa bhala bint il-kjamat in kawza Jesmond Borg man-nies.

"Kuntrarjament l-attur, ghamel diversi tentattivi anke quddiem il-Qorti biex jistabilixxi relazzjoni mat-tifla Ilona Borg, tentattivi li fil-bidu ma kienux qeghdin jigu opposti mill-konvenuta, u mill-kjamat in kawza, izda kif ir-relazzjoni bejn il-konvenuta u l-attur spiccat, dawn it-tentattivi ta' l-attur bdew isibu l-ostakoli min-naha tal-konvenuta, b'dan li l-attur kellu jirrikorri ghall-Qorti. Fil-fatt il-Qorti tat sentenza 288/2012 AL fl-ismijiet *William Micallef vs Rita Borg* datata 10 ta' Marzu 2015 ghar-rigward l-access tal-minuri, haga li l-attur kien diga' qieghed

jezercita' ghal snin shah kif jirrizulta mill-process u kien qieghed jifforma relazzjoni mal-minuri Ilona Borg u dan kif jirrizulta anke mill-konkluzjonijiet tal-haddiema socjali ta' l-Agenzija Appogg. Illi dan jistabbillixxi l-fatt ukoll li l-minuri Ilona hija ga maghrufa li ma twelditx mill-unjoni konjugali bejn il-konvenuta Rita Borg u l-kjamat in kawza Jesmond Borg. Ghalhekk il-Qorti ma tistax u mhux se tinjora li l-minuri Ilona ghandha relazzjoni tajba ma' l-attur li iktar ma jghaddi zmien iktar qeghda tifjorixxi[7].

"F'dan il-kuntest qed issir referenza ghall-kawza *Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe (Prim' Awla datata 10 ta' Mejju 1996)* fejn il-Qorti ghamlet referenza ghall-kaz deciz mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem *Kroon et vs The Netherlands deciz fis-27 t'Ottubru 1994,* fejn il-Qorti Ewropea ghamlet referenza ghal dawk li jissejhu *"family ties",* il-Qorti qalet hekk,

> "*In the Court's opinion, 'respect' for 'family ties' require that biological and social reality prevail over a legal presumption which, as in the present case, flies in the face of both established fact and the wished of those concerned without actually benefitting anyone. Accordingly, the Court concludes that, even having regard to the margin of appreciation left to the state, the Netherlands has failed to secure to the applicants the 'respect' for their 'family life' to which they are entitled under the convention".*

"Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza citata qalet li minkejja l-presunzjoni legali mahluqa ai termini ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,

> "*iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li r-realtajiet biologici socjali ghadhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali li pater est quem iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur."*

"Fil-kawza odjerna m'ghandiex familja *de facto* quddiemha li qed tohloq il-*family ties* kif deskritti fil-kawza hawn fuq precitata, madanakollu, jezistu legami familjari tal-minuri ma' l-attur kif gie ampjament ippruvat u deskritt mill-Agenzija Appogg f'din il-kawza, u li l-attur sa mill-bidu kellu access ghall-minuri anke ordnat mill-Qorti, b'dan li kien qieghed jifforma relazzjoni mal-minuri ta' missier u bint. B'hekk il-Qorti temmen li t-tifla minuri Ilona Borg sa minn twelidha ma kelliex l-istat legittimu ai termini ta' l-Artikolu 80 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, u ghalhekk il-

[7] Ara n-nota ta' l-Agenzija Appogg ipprezentata fit-8 t'April 2011 a fol 41 tal-process

presunzjoni legali ai termini ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet sodisfacjentement meghluba mill-attur.

"Ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet ma jistghux jigu akkolti.

"**Dwar ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuta Rita' Borg u s-sitt eccezzjoni tal-kjamat in kawza Jesmond Borg**

"Illi gie pruvat b'mod sodisfacenti li l-minuri qeghda tghix fin-nukleju familjari taz-zwieg tal-konvenuta Rita Borg flimkien mal-kjamat in kawza Jesmond Borg u z-zewg uliedhom l-ohra magorenni mwielda miz-zwieg ta' bejniethom. Illi skond is-sentenza *288/2012 AL fl-ismijiet William Micallef vs Rita Borg deciza 10 ta' Marzu 2015*, ghalkemm l-attur nghata access ghall-minuri Ilona Borg, il-kura u kustodja ta' l-imsemmija Ilona nghatat fl-ahjar interess tal-minuri lil Rita Borg. Tenut kont ukoll tal-fatt li l-istess minuri ghandha relazzjoni tajba wkoll mal-kjamat in kawza Jesmond Borg, li wara kollox kif dikjarat minnu stess jrabbiha u jitratta lill-istess minuri qisha tieghu, u tenut kont ukoll tal-fatt li llum il-gurnata l-minuri ghandha hames snin maghluqa u kienet dejjem maghrufa bil-kunjom Borg, il-Qorti qeghda tordna fl-ahjar interess tal-minuri Ilona, li l-minuri Ilona tibqa' zzomm il-kunjom Borg u mhux dak ta' Micallef.

"**Dwar il-hames eccezzjoni tal-konvenuta Rita Borg u s-seba' eccezzjoni tal-kjamat in kawza Jesmond Borg**

"Is-'setgha tal-genitur' kif deskritta fl-Artikolu 90 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta hija l-'kura u kustodja' kif bdiet tissejjah iktar recenti fl-ambitu ta' kuntratti u sentenzi ghal dak li jirigwarda t-tfal minuri. Il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni u dan peress li din l-kura u kustodja tat-tifla Ilona Borg diga' giet deciza b'sentenza li hi *res judicata* b'rikors guramentat *288/2012 AL deciza fl-10 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet William Micallef vs Rita Borg.*

"**Dwar is-sitt, is-seba', t-tmien u d-disa' eccezzjoni tal-konvenuta Rita Borg u t-tmien u d-disa' eccezzjoni tal-kjamat in kawza Jesmond Borg**

"Dawn l-eccezzjonijiet huma decizi fil-kawza *288/2012 AL deciza fl-10 ta' Marzu 2015 fil-kawza fl-ismijiet William Micallef vs Rita Borg* li llum il-gurnata saret *res judicata* u ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

"**Decide**

"Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. "Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-minuri Ilona Borg hija l-wild naturali ta' l-attur William Micallef;

> 2. “Tilqa’ limitatament it-tieni talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-Twelid tal-minuri Ilona Borg bin-numru t’iskrizzjoni 948 tas-sena 2010, ihassar il-konnotati kollha tal-missier u cioe’ ta’ Jesmond Borg u minflok jissostitwihom bid-dettalji kollha ta’ William Micallef bil-karta ta’ l-identita’ numru 490063M iben Philip Micallef li kien haj fiz-zmien meta twieldet il-minuri, imwieled iz-Zebbug, Malta u li fiz-zmien tat-twelid tal-minuri kellu sebgha u erbghin (47) sena u kien residenti n-Naxxar[8], b’dan pero’ li l-istess minuri m’ghandhiex tiehu l-kunjom ta’ l-attur u ghandha tibqa’ tissejjah bil-kunjom ‘Borg’;
>
> 3. “Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba attrici.
>
> “Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa, ad eccezzjoni ta’ l-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tal-kjamat in kawza Jesmond Borg li ghandhom jinqasmu b’mod ugwali bejn l-attur William Micallef u l-konvenuta Rita Borg”.

Minn din is-sentenza appella biss l-attur Micallef limitatament ghall-parti fejn il-Qorti ordnat illi l-minuri tibqa tissejjah bil-kunjom “Borg” u talab li din il-parti tigi revokata u allura l-Qorti tilqa’ t-talbiet tieghu kontenuti f’dik it-talba tieghu interament. Allura talab il-konferma tal-kumplament tas-sentenza.

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku filwaqt li ghamel referenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **Khaled Shehata v. Ruggier** (25 ta’ Ottubru 2013) irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti peress li din hija materja privata bejn il-kontendenti l-ohra. L-imsejjah fil-kawza Borg oppona ghat-talbiet tal-appellant peress li skont hu d-decizjoni li l-minuri tibqa b’kunjomu ittiehdet biex tigi protetta l-minuri u li f’kull kaz l-Artikolu 77C tal-Kodici Civili ma kellux jigi interpretat kif qed jitlob l-appellant.

---

[8] Informazzjoni mghotija mill-attur permezz ta’ nota ezebita a fol 131 tal-process

L-aggravju tal-appellant essenzjalment huwa wiehed u cioe` li biex il-Qorti taghti l-ordni li l-persuna koncernata tibqa' ggorr il-kunjom li kellha qabel nonostante l-fatt li jkunu inbidlu b'effett tas-sentenza taghha l-konnotazzjonijiet tal-missier fic-certifikat tat-twelid, trid tigi segwita l-procedura indikata fl-artikolu msemmi; dan jghid hekk:

> "Fil-kazijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77 A u 77 B il-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieġ , jew il-mara skont il-kaz, jistghu jipproċedu b'kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternità jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat taghhom fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel:
>
> "Izda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista', wara li jsir rikors mill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieġ jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara li tkun semghet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f'kull zmien tawtorizza lill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieġ jew lill-mara biex jibdew kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternità kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77 B:
>
> "Izda wkoll, meta l-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, kull min b'konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom uzat minnu qabel dik id-dikjarazzjoni, jew ir-rapprezentant leġittimu tieghu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jithalla juza' dak il-kunjom l-iehor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-uzu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar ghan-nom ta' minuri, li dak l-uzu jkun fl-ahjar interess tal-minuri, hija ghandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur inizzel annotazzjoni tad-deċizjoni moghtija minnha fuq l-att ta' twelid rilevanti ta' min tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tieghu".

L-appellant zied jghid ukoll fir-rikors tieghu li ma rrizulta xejn mill-atti tal-kawza biex twassal lill-Qorti tapplika dan il-provvediment.

Qabel xejn tajjeb li din il-Qorti tirrileva li s-sentenza citata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fuq imsemmija **Khaled Shehata v. Ruggier** ma hijiex rilevanti ghal din il-kawza ghaliex dak il-kaz kien jirrigwardja appell minn digriet tal-Qorti Civili (Familja) biex il-konvenuta f'dik il-kawza toqghod ghat-test tad-DNA. Il-Qorti dakinhar irrilevat li filwaqt li kien minnu li l-Qorti ma osservatx ezattament il-procedura indikata mill-Kodici Civili, peress li bid-digriet in kwistjoni ma gie pregudikat hadd, ma dehriliex li kellha thassar l-istess digriet; il-Qorti infatti qalet illi:

> ".. *il-Qorti ma jidrilix li ghandha tiddikjara null id-digriet tal-1 ta' Novembru 2012; ghaliex fil-waqt li huwa minnu li l-artiklu 70A (2) jghid li t-talba ghandha issir b'rikors, in effetti fil-kaz in esami ma kien hemm ebda pregudizzju rekat lill-appellanti. Dan ghaliex meta saret it-talba quddiem l-Ewwel Qorti,il-konvenuta kienet presenti u kienet assistita mill-abbli difensur taghha li setghet oggezzjonat dak il-hin u talbet li jsir rikors biex tkun forsi f' posizzjoni li tirrispondi aktar fid-dettal u tispjega l-oggezzjoni taghha ghal dik it-talba. Minflok l-istess difensur taghha illimitat ruhha biex topponi ghat-talba u l-Qorti tat id-digriet taghha dak il-hin stess. Kif inghad ma irrizulta ebda pregudizzju b'dak id-digriet. Pjuttost anzi jidher li dan l-appell sar biex jintilef aktar zmien f' din il-kawza*".

Fl-appell in ezami l-Qorti qed tintalab tbiddel parti minn decizjoni li ddecidiet il-vertenza kollha u ghalhekk wiehed ma jistax jghid li ma kien hemm ebda pregudizzju lill-attur; infatti dan qed jinsisti li l-minuri tiehu kunjomu wkoll u wara li hasbet fit-tul jidrilha li ghandha tilqa' l-appell. Huwa evidenti li l-ligi riedet li una volta li giet stabbilita` paternita` differenti minn dik imsemmija fic-certifikat tat-twelid, jekk l-istess persuna li taghha sar il-bdil fic-certifikat (jew ir-raprezentant legali taghha jekk dik il-persuna hija minuri) tixtieq li ghandha zzomm il-

kunjom li tkun hadet fit-twelid – sia pure` erronjament – tista' tibda procedura hija stess (jew isiru ghan-nom taghha) biex tibqa' zzomm dak il-kunjom. Fi kliem iehor l-artikolu in kwistjoni jista' jigi applikat biss fuq talba tal-istess persuna u mhux minn haddiehor. F'din il-kawza, l-appellant spicca biex filwaqt li inghata ragun, sab ma' wiccu parti mis-sentenza li ddecidiet xi haga li huwa ma talabx.

F'kull kaz, ma jidhirx li f'dan il-kaz se jsir xi pregudizzju ghall-minuri bil-bdil tal-kunjom – ghalkemm dan ma jfissirx li hija ma tkunx tista' fil-futur (jew xi hadd ghaliha) li taghmel it-talba msemmija fl-Artikolu 77C. Din il-Qorti hi tal-fehma li f'materja daqshekk delikata, kellhom jigu osservati d-disposizzjonijiet tal-artikolu in kwistjoni skrupolozament anke biex il-Qorti adita bil-kawza jkollha opportunita` tara l-effetti tal-akkoljiment o meno tat-talba. L-argument kontenut fir-risposta tal-appellati Borg u cioe` li l-artikolu jghid "tista" ma jfissirx li l-Qorti tista taghti dik l-ordni jekk ma tintalabx taghmel dan f'att promotur appositu – jekk naturalment ma jsir xejn minn dak li jghid l-artikolu l-persuna in kwistjoni ggor kunjom missierha. Tant huwa hekk li fic-certifikat tat-twelid ma jkunx indikat "kunjom it-tarbija" minhabba f'hekk. Dwar dan kif qalet is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet **Mercieca sive Mercieca Balbi v. Direttur tar-Registru Pubbliku**:

> "*… … ghaliex kif sewwa irrimarka l-konvenut ic-certifikat tat-twelid imkien ma jindika kolonna jew spazju ghal kunjom it-tarbija izda kull ma jkun indikat huwa kunjom il-missier ghas-semplici raguni li t-tarbija tiehu kunjom missierha*".

**DECIZJONI**

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu u tirrevoka l-parti tas-sentenza li ordnat li l-minuri Ilona tibqa' zzomm il-kunjom Borg (u ghalhekk thassar il-kliem "b'dan pero` li l-istess minuri ma ghandiex tiehu l-kunjom tal-attur u ghandha tibqa' tissejjah bil-kunjom Borg"); naturalment tikkonferma l-kumplament tas-sentenza.

L-ispejjez tal-ewwel Istanza kif decizi mill-ewwel Qorti, dawk tal-appell a kariku tal-appellata Borg.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb